DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2250

tas-26 ta' Novembru 2015

li tikkonferma jew temenda l-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2014 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2015) 8346)

(It-testi bin-Netherlandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bit-Taljan, bil-Pollakk, bil-Portugiż u bl-Iżvediż biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(6) u l-Artikolu 10(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni hi mitluba biex, skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, kull sena tikkonferma jew temenda l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 u l-valur mira għall-emissjonijiet speċifiċi għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief fl-Unjoni. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-manifatturi u l-konsorzji ta' manifatturi li ġew imwaqqfa skont l-Artikolu 7(1) ta' dak ir-Regolament irrispettawx il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifatturi għall-2014 jiġu kkalkulati skont it-tielet paragrafu ta' dak l-Artikolu u jqisu 70 % mill-vetturi kummerċjali ħfief il-ġodda tal-manifattur irreġistrati matul dik is-sena.

(3) Id-dejta ddettaljata li għandha tintuża għall-kalkolu tal-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi hija stabbilita fil-punt 1 tal-Parti A u fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u hija bbażata fuq ir-reġistrazzjonijiet tal-Istati Membri ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri matul is-sena kalendarja ta' qabel.

(4) Fejn vetturi kummerċjali ħfief tingħatalhom approvazzjoni tat-tip bħala parti minn proċess maqsum f'diversi stadji, il-punt 7 tal-Parti B tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jeħtieġ li l-manifattur tal-vettura bażi jieħu responsabbiltà għall-emissjonijiet ta' CO_2 tal-vettura kkompletata.

(5) Id-dejta għall-2014 intbagħtet lill-Kummissjoni sal-iskadenza tat-28 ta' Frar 2015 b'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2011 mill-maġġoranza tal-Istati Membri. Fejn, b'riżultat tal-verifika tad-dejta mill-Kummissjoni, kien jidher li ċerta dejta kienet nieqsa jew ċarament mhux korretta, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-Istati Membri kkonċernati u, soġġett għall-qbil ta' dawk l-Istati Membri, id-dejta ġiet aġġustata jew ikkompletata kif xieraq. Fil-każijiet fejn ma seta' jintlaħaq l-ebda ftehim mal-Istat Membru kkonċernat, id-dejta provviżorja ta' dak l-Istat Membru ma ġietx aġġustata.

(6) Fit-13 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni ppubblikat id-dejta provviżorja u nnotifikat lil 64 manifattur dwar il-kalkoli provviżorji tal-medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 tagħhom fl-2014 u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom, skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011. Il-manifatturi ntalbu jivverifikaw id-dejta u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe errur li setgħu ltaqgħu miegħu fi żmien tliet xhur minn meta jkunu rċevew in-notifika skont l-Artikolu 8(5) ta' dak ir-Regolament. 23 manifattur ippreżentaw notifiki ta' erruri.

(7) Id-dejta provviżorja u l-kalkoli provviżorji tal-valuri tal-emissjonijiet speċifiċi medji u tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tal-41 manifattur l-ieħor li ma nnotifikaw l-ebda errur fis-settijiet tad-dejta, jew li ma bagħtu l-ebda tweġiba oħra, għandhom jiġu kkonfermati mingħajr aġġustamenti.

(8) Il-Kummissjoni vverifikat il-korrezzjonijiet li ġew notifikati mill-manifatturi, u l-ġustifikazzjonijiet rispettivi u s-settijiet tad-dejta ġew aġġustati kif xieraq.

([1]) ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1.

(9) Fil-każ ta' rekords mingħajr numri ta' identifikazzjoni li jaqblu, u b'parametri ta' identifikazzjoni nieqsa jew mhux korretti, bħal pereżempju t-tip, il-varjant, il-kodiċi tal-verżjoni jew in-numru ta' approvazzjoni tat-tip, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li l-manifatturi ma jistgħux jivverifikaw jew jikkoreġu dawk ir-rekords. Bħala konsegwenza, huwa xieraq li f'dawk ir-rekords jiġi applikat marġni ta' errur fil-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-massa.

(10) Il-marġni ta' errur għandu jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn id-distanzi mill-mira tal-emissjonijiet speċifiċi mogħtija bħala l-emissjonijiet speċifiċi mnaqqsa mill-valur medju tal-emissjonijiet ikkalkulat meta jiġu inklużi u esklużi dawk ir-reġistrazzjonijiet li ma jistgħux jiġu vverifikati mill-manifatturi. Kemm jekk dik id-differenza tkun pożittiva kif ukoll jekk tkun negattiva, il-marġni ta' errur għandu dejjem itejjeb il-pożizzjoni tal-manifattur imqabbel mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

(11) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, manifattur għandu jitqies li huwa konformi mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu msemmija fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament meta l-valur medju tal-emissjonijiet tiegħu indikat f'din id-Deċiżjoni jkun inqas mill-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu, valur mogħti bħala distanza negattiva mill-mira. F'każ li l-valur medju tal-emissjonijiet ta' manifattur jaqbeż il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu, għandu jiġi impost fuqu primjum għall-eċċess ta' emissjonijiet bi qbil mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, sakemm il-manifattur ikkonċernat ma jibbenefikax minn eżenzjoni minn dik il-mira skont l-Artikolu 2(4) jew l-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament, jew ikun membru ta' konsorzju, skont l-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament, u l-konsorzju jikkonforma mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

(12) Wara dikjarazzjoni minn Volkswagen Group tat-3 ta' Novembru 2015 rigward is-sejba ta' irregolaritajiet waqt id-determinazzjoni tal-livelli ta' CO_2 għall-approvazzjoni tat-tip għal uħud mill-vetturi tiegħu, l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi ma għandhomx jiġu kkonfermati għall-grupp Volkswagen u għall-membri tiegħu sakemm Volkswagen Group jipprovdi kjarifiki ulterjuri. Bħala konsegwenza, il-grupp Volkswagen u l-membri tiegħu (Audi AG, Dr. Ing. h.c.F. Porsche AG, Quattro GmbH, Seat S.A., Skoda Auto A.S., u Volkswagen AG) m'għandhomx ikunu soġġetti għal din id-Deċiżjoni.

(13) Il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-2014, il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi u d-differenza bejn dawk iż-żewġ valuri għandhom jiġu kkonfermati jew emendati kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-valuri relatati mal-prestazzjoni tal-manifatturi, kif ikkonfermati jew emendati għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief u għal kull konsorzju ta' manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief fir-rigward tas-sena kalendarja 2014 skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, huma speċifikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Il-valuri msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 għal kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief u għal kull konsorzju ta' manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2014 huma wkoll speċifikati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, bl-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(4) ta' dak ir-Regolament għall-manifatturi kkonċernati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn il-manifatturi u konsorzji individwali li ġejjin, li ġew iffurmati b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011:

(1) Alke S.r.l.
via Vigonovese 123
35127 Padova
L-Italja

(2) Automobiles Citroen
Route de Gizy
78943 Vélizy-Villacoublay
Cedex France

(3) Automobiles Peugeot
Route de Gizy
78943 Vélizy-Villacoublay
Cedex France

(4) AVTOVAZ JSC

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

LADA France S.A.S.
13, Route Nationale 10
78310 Coignieres
Franza

(5) BLUECAR SAS
31-32 quai de Dion Bouton
92800 Puteaux
Franza

(6) Bayerische Motoren Werke AG
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(7) BMW M GmbH
Petuelring 130
80788 München
Il-Ġermanja

(8) FCA US LLC (Chrysler Group LLC)

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Fiat Chrysler Automobiles
Binja 5 — Is-sular t'isfel — Kamra A8N
C.so Settembrini, 40
10135 Turin
L-Italja

(9) CNG-Technik GmbH
Impjant Niehl, binja Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(10) Automobile Dacia S.A.
Guyancourt
1 avenue du Golf
78288 Technocentre Cedex
Franza

(11) Daimler AG
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(12) Dongfeng Motor Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Giotti Victoria Srl
Sr.l. Pissana Road 11/a 50021
Barberino Val D'Elsa (Firenze)
L-Italja

(13) DR Motor Company S.p.A.
S S 85, Venafrana km 37.500
86070 Macchia d'Isernia
L-Italja

(14) Esagono Energia S.r.l.
Via Puecher 9
20060 Pozzuolo Martesana (MI)
L-Italja

(15) FCA Italy S.p.A. (Fiat Group Automobiles S.p.A.)
Binja 5 — Is-sular t'isfel — Kamra A8N
C.so Settembrini, 40
10135 Turin
L-Italja

(16) Ford Motor Company of Awstralja Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Ford Werke GmbH
Impjant Niehl, binja Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(17) Ford Motor Company
Impjant Niehl, binja Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(18) Ford Werke GmbH
Impjant Niehl, binja Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(19) Fuji Heavy Industries Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Subaru Europe NV/SA
Leuvensesteenweg 555 B/8
1930 Zaventem
Il-Belġju

(20) Mitsubishi Fuso Truck & Bus Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Daimler AG,
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(21) Mitsubishi Fuso Truck Europe S.A.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Daimler AG,
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(22) LLC Automobile Plant Gaz
Poe 2
Lähte Tartumaa
60502
L-Estonja

(23) GM Korea Company
Adam Opel AG
Bahnhofsplatz 1 IPC 39-12
65423 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(24) GAC Gonow Auto Co. Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Gonow Europe S.r.l.
Via Ottaviano 42
00192 Ruma
L-Italja

(25) Great Wall Motor Company Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

International Motors Limited
I.M. House South Drive
Coleshill B46 1DF
Ir-Renju Unit

(26) Hebei Zhongxing Automobile Co., Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

URSUS SA Lublin,
ul. Frezerów 7, 20-952 Lublin,
Il-Polonja

(27) Honda Motor Co., Ltd.
470 London Road
Slough Berkshire
SL3 8QY
Ir-Renju Unit

(28) Honda of the UK Manufacturing Ltd.
470 London Road
Slough Berkshire
SL3 8QY
Ir-Renju Unit

(29) Hyundai Motor Company

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Hyundai Motor Europe GmbH
Kaiserleipromanade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(30) Hyundai Assan Otomotiv Sanayi Ve Ticaret A.S.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Hyundai Motor Europe GmbH
Kaiserleipromanade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(31) Hyundai Motor Manufacturing Czech S.r.o.
Kaiserleipromanade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(32) Hyundai Motor India Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Hyundai Motor Europe GmbH
Kaiserleipromanade 5
63067 Offenbach
Il-Ġermanja

(33) Isuzu Motors Limited

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Isuzu Motors Europe NV
Bist 12
2630 Aartselaar
Il-Belġju

(34) IVECO S.p.A.
Via Puglia 35
10156 Turin
L-Italja

(35) Jaguar Land Rover Limited
Abbey Road
Whitley
Coventry CV3 4LF
Ir-Renju Unit

(36) KIA Motors Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Kia Motors Europe GmbH
Theodor-Heuss-Allee 11
60486 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(37) KIA Motors Slovakia S.r.o.
Theodor-Heuss-Allee 11
60486 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(38) LADA Automobile GmbH
Erlengrund 7-11
21614 Buxtehude
Il-Ġermanja

(39) LADA France S.A.S.
13 Route Nationale 10
78310 Coignieres
Franza

(40) Magyar Suzuki Corporation Ltd.
Dipartment Legali Suzuki-Allee 7
64625 Bensheim
Il-Ġermanja

(41) Mahindra & Mahindra Ltd.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mahindra Europe S.r.l.
Via Cancelliera 35
00040 Ariccia (Ruma)
L-Italja

(42) Mazda Motor Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mazda Motor Europe GmbH
European R&D Centre
Hiroshimastr 1
D-61440 Oberursel/Ts
Il-Ġermanja

(43) M.F.T.B.C.

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Daimler AG,
Mercedesstr 137/1 Zimmer 229
HPC F403
70327 Stuttgart
Il-Ġermanja

(44) Mia Electric S.A.S.
45, rue des Pierrières
BP 60324
79143 Cerizay Cedex
Franza

(45) Mitsubishi Motors Corporation MMC

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mitsubishi Motors Europe B.V. MME
Mitsubishi Avenue 21
6121 SG Born
In-Netherlands

(46) Mitsubishi Motors Europe B.V. MME
Mitsubishi Avenue 21
6121 SG Born
In-Netherlands

(47) Mitsubishi Motors Thailand Co., Ltd. MMTh

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Mitsubishi Motors Europe BV MME
Mitsubishi Avenue 21
6121 SG Born
In-Netherlands

(48) Nissan International SA

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Renault Nissan Representation Office
Av des Arts 40
1040 Brussell
Il-Belġju

(49) Adam Opel AG
Bahnhofsplatz 1IPC 39-12
65423 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(50) Piaggio & C S.p.A.
Viale Rinaldo Piaggio 25
56025 Pontedera (PI)
L-Italja

(51) Renault S.A.S.
Guyancourt
1 avenue du Golf
78288 Technocentre Cedex
Franza

(52) Renault Trucks
99 Route de Lyon TER L10 0 01
69802 Saint Priest Cedex
Franza

(53) Ssangyong Motor Company

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

SsangYong Motor Europe Office
Herriotstrasse 1
60528 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(54) Suzuki Motor Corporation

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Suzuki Deutschland GmbH
Dipartment Legali Suzuki-Allee 7
64625 Bensheim
Il-Ġermanja

(55) Tata Motors Limited

Rappreżentata fl-Unjoni minn:

Tata Motors European Technical Centre Plc.
Internal Automotive Research Centre
L-Università ta' Warwick
Coventry CV4 7AL
Ir-Renju Unit

(56) Toyota Motor Europe NV/SA
Avenue du Bourget 60
1140 Brussell
Il-Belġju

(57) Toyota Caetano Portugal S.A.
Avenida Vasco de Gama 1410
4431-956 Vila Nova de Gaia
Il-Portugall

(58) Volvo Car Corporation
Binja VAK Assar Gabrielssons väg
SE-405 31 Göteborg
L-Iżvezja

(59) Konsorzju għal: Daimler AG
Mercedesstr 137/1
Zimmer 229
70546 Stuttgart
Il-Ġermanja

(60) Konsorzju għal: FCA Italy S.p.A.
Binja 5 — Is-sular t'isfel — Kamra A8N
C.so Settembrini, 40
10135 Turin
L-Italja

(61) Konsorzju għal: Ford -Werke GmbH
Impjant Niehl, binja Imbert 479
Henry-Ford-Straße 1
50735 Köln
Il-Ġermanja

(62) Konsorzju għal: General Motors
Bahnhofsplatz 1 IPC 39-12
65423 Rüsslesheim
Il-Ġermanja

(63) Konsorzju għal: Kia
Theodor-Heuss-Allee 11
60486 Frankfurt am Main
Il-Ġermanja

(64) Konsorzju għal: Mitsubishi Motors
Mitsubishi Avenue 21
6121 SG Born
In-Netherlands

(65) Il-konsorzju tar-Renault
1 Avenue du Golf
78288
Guyancourt Cedex
Franza

Din għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Miguel ARIAS CAÑETE
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Tabella 1

Valuri marbutin mal-prestazzjoni tal-manifatturi kkonfermati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (70 %) ikkoreġut	Mira tal-emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (100 %)
ALKE SRL		16	0,000	222,482	– 222,482	– 222,482	2 216,56	0,000
AUTOMOBILES CITROEN		154 961	127,146	160,663	– 33,517	– 33,517	1 551,84	148,026
AUTOMOBILES PEUGEOT		154 473	124,856	160,399	– 35,543	– 35,543	1 549,00	146,894
AVTOVAZ JSC	P7	77	210,189	137,116	73,073	72,997	1 298,64	214,805
BLUECAR SAS		121	0,000	133,522	– 133,522	– 133,522	1 260,00	0,000
BAYERISCHE MOTOREN WERKE AG		2 422	129,180	177,329	– 48,149	– 48,149	1 731,04	141,416
BMW M GMBH		243	142,347	190,631	– 48,284	– 48,284	1 874,07	150,222
CHRYSLER GROUP LLC	P2	1 318	200,728	210,825	– 10,097	– 20,813	2 091,21	211,988
CNG-TECHNIK GMBH	P3	621	116,949	152,149	– 35,200	– 35,200	1 460,29	125,337
AUTOMOBILE DACIA SA	P7	21 978	120,885	135,623	– 14,738	– 14,987	1 282,59	132,196
DAIMLER AG	P1	125 357	187,428	217,544	– 30,116	– 30,151	2 163,46	199,685
DONGFENG MOTOR CORPORATION	DMD	324	153,270				1 174,41	162,614
DR MOTOR COMPANY SRL	DMD	2	254,000				1 755,00	254,000
ESAGONO ENERGIA SRL	DMD	2	0,000				1 287,50	0,000
FIAT GROUP AUTOMOBILES SPA	P2	124 796	141,101	172,327	– 31,226	– 31,230	1 677,26	157,616
FORD MOTOR COMPANY OF AUSTRALIA LIMITED	P3	12 338	213,167	219,493	– 6,326	– 6,333	2 184,42	228,221
FORD MOTOR COMPANY	P3	731	217,325	220,629	– 3,304	– 3,304	2 196,63	231,048
FORD-WERKE GMBH	P3	178 997	158,184	189,189	– 31,005	– 31,028	1 858,57	175,294
FUJI HEAVY INDUSTRIES LTD	DMD	52	150,500				1 585,31	157,154

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (70 %) ikkoreġut	Mira tal-emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (100 %)
MITSUBISHI FUSO TRUCK & BUS CORPORATION	P1	723	235,611	245,321	– 9,710	– 9,710	2 462,14	241,080
MITSUBISHI FUSO TRUCK EUROPE SA	P1	4	236,000	241,960	– 5,960	– 5,960	2 426,00	237,750
LLC AUTOMOBILE PLANT GAZ	DMD	4	274,000				2 271,25	290,750
GM KOREA COMPANY	P4	29	142,400	171,736	– 29,336	– 29,336	1 670,90	154,862
GONOW AUTO CO LTD	D	74	161,000	175,000	– 14,000	– 14,000	1 138,99	173,419
GREAT WALL MOTOR COMPANY LIMITED	DMD	279	182,482				1 760,34	195,645
HEBEI ZHONGXING AUTOMOBILE CO Ltd	DMD	15	205,200				1 705,20	214,800
HONDA MOTOR CO LTD		11	147,571	192,340	– 44,769	– 44,769	1 892,45	174,727
HONDA OF THE UK MANUFACTURING LTD		237	143,721	165,215	– 21,494	– 21,494	1 600,78	154,270
HYUNDAI MOTOR COMPANY		1 375	145,133	179,341	– 34,208	– 34,208	1 752,68	163,534
HYUNDAI ASSAN OTOMOTIV SANAYI VE		782	107,751	112,806	– 5,055	– 5,055	1 037,25	109,752
HYUNDAI MOTOR MANUFACTURING CZECH SRO		1 285	134,567	150,479	– 15,912	– 15,912	1 442,33	142,786
HYUNDAI MOTOR INDIA LTD		3	110,000	121,029	– 11,029	– 11,029	1 125,67	111,333
ISUZU MOTORS LIMITED		10 810	192,379	207,105	– 14,726	– 14,726	2 051,22	200,433
IVECO SPA		31 381	218,029	244,542	– 26,513	– 26,513	2 453,76	228,131
JAGUAR LAND ROVER LIMITED	D	14 517	255,021	276,930	– 21,909	– 21,909	2 030,51	267,020
KIA MOTORS CORPORATION	P5	1 378	121,285	145,127	– 23,842	– 23,842	1 384,79	132,739
KIA MOTORS SLOVAKIA SRO	P5	403	116,418	152,246	– 35,828	– 35,828	1 461,34	129,288
LADA AUTOMOBILE GMBH	DMD	55	218,842				1 236,35	220,745

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-manifattur	Konsorzji u derogi	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (70 %) ikkoreġut	Mira tal-emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (100 %)
LADA FRANCE	P7	13	179,000	141,392	37,608	37,608	1 344,62	179,000
MAGYAR SUZUKI CORPORATION LTD	DMD	204	114,063				1 283,70	118,029
MAHINDRA & MAHINDRA LTD	DMD	178	205,573				2 099,21	210,539
MAZDA MOTOR CORPORATION	DMD	335	132,235				1 715,02	152,313
M.F.T.B.C.	P1	6	237,750	220,725	17,025	17,025	2 197,67	242,167
MIA ELECTRIC SAS		9	0,000	100,094	– 100,094	– 100,094	900,56	0,000
MITSUBISHI MOTORS CORPORATION MMC	P6/D	2 368	192,202	210,000	– 17,798	– 17,798	1 971,60	202,592
MITSUBISHI MOTORS EUROPE BV MME	P6/D	430	203,641	210,000	– 6,359	– 6,359	2 060,83	208,040
MITSUBISHI MOTORS THAILAND CO LTD MMTH	P6/D	9 711	202,875	210,000	– 7,125	– 7,125	1 955,90	206,504
NISSAN INTERNATIONAL SA		39 343	140,282	191,926	– 51,644	– 51,644	1 888,00	184,325
ADAM OPEL AG	P4	77 322	156,975	177,176	– 20,201	– 20,201	1 729,40	172,516
PIAGGIO & C SPA	D	2 285	115,871	155,000	– 39,129	– 39,129	1 093,36	145,090
RENAULT SAS	P7	204 847	114,825	166,494	– 51,669	– 51,822	1 614,54	149,052
RENAULT TRUCKS		7 682	214,930	245,610	– 30,680	– 30,680	2 465,25	225,265
SSANGYONG MOTOR COMPANY	D	741	197,079	210,000	– 12,921	– 12,921	2 064,60	203,709
SUZUKI MOTOR CORPORATION	DMD	190	158,421				1 231,19	162,100
TATA MOTORS LIMITED		77	191,358	209,026	– 17,668	– 17,668	2 071,87	193,169
TOYOTA MOTOR EUROPE NV SA		28 016	181,199	195,431	– 14,232	– 14,360	1 925,69	192,592
TOYOTA CAETANO PORTUGAL SA	DMD	662	256,985				1 940,61	259,695
VOLVO CAR CORPORATION		2 406	142,776	183,178	– 40,402	– 40,402	1 793,94	158,808

Tabella 2

Valuri marbutin mal-prestazzjoni tal-konsorzji kkonfermati skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011

A	B	C	D	E	F	G	H	I
Isem il-konsorzju	Konsorzju	Għadd ta' reġistrazzjonijiet	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (70 %) ikkoreġut	Mira tal-emissjonijiet speċifiċi	Distanza mill-mira	Distanza mill-mira aġġustata	Valur medju tal-massa	Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (100 %)
DAIMLER	P1	126 090	187,577	217,704	– 30,127	– 30,160	2 165,18	199,926
FIAT GROUP AUTOMOBILES SPA	P2	126 114	141,520	172,730	– 31,210	– 31,253	1 681,59	158,184
FORD-WERKE GMBH	P3	192 687	160,689	191,129	– 30,440	– 30,467	1 879,43	178,734
GENERAL MOTORS	P4	77 351	156,966	177,174	– 20,208	– 20,208	1 729,38	172,510
KIA	P5	1 781	120,066	146,738	– 26,672	– 26,672	1 402,11	131,958
MITSUBISHI MOTORS	P6/D	12 509	200,650	210,000	– 9,350	– 9,350	1 962,48	205,817
POOL RENAULT	P7	226 915	113,870	163,493	– 49,623	– 49,771	1 582,27	147,444

Noti ta' spjega għat-Tabelli 1 u 2:

Kolonna A:

Tabella 1: "Isem il-manifattur" tfisser l-isem tal-manifattur kif innotifikat lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat jew, meta ma tkunx saret din in-notifika, l-isem irreġistrat mill-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru.

Tabella 2: "Isem il-konsorzju" tfisser l-isem tal-konsorzju ddikjarat mill-maniġer tal-konsorzju.

Kolonna B:

"D" tfisser li ngħatat deroga marbuta ma' manifattur ta' volumi żgħar skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, b'effett għas-sena kalendarja 2014.

"DMD" tfisser li tapplika deroga *de minimis*: dan ifisser li manifattur li, flimkien mal-intrapriżi kollha marbuta miegħu, ikun ħareġ inqas minn 1 000 vettura ġdida rreġistrata fl-2014, mhuwiex obbligat li jilħaq mira tal-emissjonijiet speċifiċi.

"P" tfisser li l-manifattur huwa membru ta' konsorzju (imniżżel fit-Tabella numru 2) iffurmat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, u li l-ftehim tal-konsorzju jkun validu għas-sena kalendarja tal-2014.

Kolonna C:

"Għadd ta' reġistrazzjonijiet" tfisser l-għadd totali ta' karozzi ġodda rreġistrati minn Stati Membri f'sena kalendarja, bl-esklużjoni ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet li huma relatati ma' rekords fejn il-valuri għall-massa jew għas-CO_2 huma neqsin, u ta' dawk ir-rekords li l-manifattur ma jirrikonoxxix. L-għadd ta' reġistrazzjonijiet irrappurtati mill-Istati Membri ma jista' jinbidel għall-ebda raġuni oħra.

Kolonna D:

"Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (70 %) ikkoreġut" tfisser il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 li jkun ġie kkalkulat abbażi tas-70 % tal-vetturi bl-inqas emissjonijiet fil-flotta tal-manifattur skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011. Fejn xieraq, il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ġie aġġustat biex jitqiesu l-korrezzjonijiet li ġew innotifikati lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat. Ir-rekords użati għall-kalkolu jinkludu dawk li fihom valur validu tal-massa u tal-emissjonijiet ta' CO_2.

Kolonna E:

"Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi" tfisser il-mira tal-emissjonijiet ikkalkulata abbażi tal-valur medju tal-massa tal-vetturi kollha attribwiti lil manifattur billi tintuża l-formula stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2011.

Kolonna F:

"Id-distanza mill-mira" tfisser id-differenza bejn il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 mogħti fil-kolonna D u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi mogħtija fil-kolonna E. Meta l-valur mogħti fil-kolonna F ikun wieħed pożittiv, il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ikun jaqbeż il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi.

Kolonna G:

"Distanza mill-mira aġġustata" tfisser li, meta l-valuri mogħtija f'din il-kolonna jkunu differenti minn dawk mogħtija fil-kolonna F, il-valuri f'dik il-kolonna jkunu ġew aġġustati biex jitqies il-marġni ta' errur. Il-marġni ta' errur jiġi kkalkulat skont il-formula li ġejja:

Errur = il-valur assolut ta' [(AC1 − TG1) − (AC2 − TG2)]

AC1 = il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2, inklużi l-vetturi mhux identifikabbli (kif stabbilit fil-kolonna D);

TG1 = il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi, inklużi l-vetturi mhux identifikabbli (kif stabbilita fil-kolonna E);

AC2 = il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2, minbarra l-vetturi mhux identifikabbli;

TG2 = il-mira ta' emissjonijiet speċifiċi, bl-esklużjoni tal-vetturi mhux identifikabbli.

Kolonna I:

"Valur medju tal-emissjonijiet ta' CO_2 (100 %)" tfisser il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 li jkun ġie kkalkulat abbażi ta' 100 % tal-vetturi attribwiti lill-manifattur. Fejn xieraq, il-valur medju tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ġie aġġustat biex jitqiesu l-korrezzjonijiet li ġew innotifikati lill-Kummissjoni mill-manifattur ikkonċernat. Ir-rekords użati għall-kalkolu jinkludu dawk li fihom valur validu għall-massa u għall-emissjonijiet tas-CO_2, iżda li ma jqisux is-superkrediti msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 510/2011.